MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Numru 467/2003

**Illum 27 ta' Novembru 2003**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Carmel Xerri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Carmel Xerri ta' 52 sena iben John u Filippa nee' Vella, imwieled Marsa nhar is-7 ta' Marzu 1951 u li joqghod numru 7, Triq San Piju X, Santa Lucija, u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 289535 M.

Akkuzat:

1. talli fis-27 ta' Mejju, 2003, ghal habta tad-8.45 pm u/jew qabel dan il-hin, f'San Pawl il-Bahar, hebb ghal Mary Aquilina u kkagunalha griehi ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 216 (1) (b) u (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. talli ingurja u hedded lill-istess Mary Aquilina bi kliem (Artikolu 339 (1) (e) tal-Kap 9).

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Mary Aquilina bl-applikazzjoni tal-Artikolu 383 u/jew 384 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa nsista anke wara li nghata zmien jikkunsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat huma li kkaguna feriti gravi fuq martu, ingurjha u heddidha.

L-imputat volontarjament u nkondizzjonament ammetta l-akkuza.

Ghal dak li hi piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak li ngab a konjizzjoni taghha li l-imputat u martu solvew id-differenzi bejniethom u huma rikonciljati. Tiddeciedi ghalhekk li taghti l-ahhar oppurtunita' lill-imputat u tiddiciedi li tilliberah billi tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor zmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------